**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SIA “Latvijas propāna gāze”

*Konvenuta:* Valsts ieņēmumu dienests

**Domandi preliminari**

1) Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni 2(b) u 3(b) li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008 ([1]), tad-19 ta’ Settembru 2008, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 948/2009 ([2]), tat-30 ta’ Settembru 2009, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, jekk il-komponenti kollha tat-taħlita ta’ gass jagħtu flimkien in-natura essenzjali lill-prodott (gass likwifikat miż-żejt) u jekk ma huwiex possibbli li tiġi iżolata s-sustanza tal-gass li tagħtih il-karattru essenzjali tiegħu, għandu jiġi preżunt li s-sustanza li tagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu skont ir-regola ġenerali għall-interpretazzjoni 3(b) hija dik li fiha hemm il-perċentwali l-iktar għoli fit-taħlita?

2) L-Artikolu 218(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta’ Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ([3]), jimplika l-obbligu għall-persuna li tiddikjara l-merkanzija (gass likwifikat miż-żejt) sabiex tindika b’mod speċifiku l-perċentwali tas-sustanza li minnha hija prinċipalment magħmula t-taħlita?

3) Fil-każ fejn il-persuna li tiddikjara l-merkanzija ma tkunx indikat b’mod speċifiku l-perċentwali tas-sustanza li minnha hija prinċipalment magħmula t-taħlita tal-gass, għandu jiġi applikat għal gass li fih 0,32 % metan, etan u etilen, 58,32 % propen u propilen, u mhux iktar minn 39,99 % butan u butilen, il-kodiċi 2711 19 00 tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea, applikat mill-persuna li tiddikjara l-merkanzija f’din il-kawża, jew il-kodiċi 2711 12 97, applikat mill-Valsts ieņēmumu dienests?

---

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008, tad-19 ta’ Settembru 2008, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU L 291, p. 1).
([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 948/2009, tat-30 ta’ Settembru 2009, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU L 287, p. 1).
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de première instance de Bruxelles (il-Belġju) fid-19 ta’ Ġunju 2015 – Daniele Striani *et*, RFC. Seresien ASBL vs Union Européenne des Sociétés de Football Association (UEFA), Union Royale Belge des Sociétés de Football – Association (URBSFA)

**(Kawża C-299/15)**

(2015/C 270/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Daniele Striani *et*, RFC. Seresien ASBL

*Konvenuti:* Union Européenne des Sociétés de Football Association (UEFA), Union Royale Belge des Sociétés de Football – Association (URBSFA)

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 101 TFUE (jew l-Artikolu 102 TFUE) għandu jiġi interpretat fis-sens li r-regola tal-UEFA msejħa "l-ħtieġa ta' bilanċ finanzjarju" jew "break-even rule" tikser din id-dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, sa fejn ir-regola tal-UEFA toħloq restrizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni (jew abbuż minn pożizzjoni dominanti), b'mod partikolari r-restrizzjoni "skont is-suġġett" li hija l-limitazzjoni tad-dritt li jsiru investimenti, li jew ikunu "skont is-suġġett" antikompetittivi jew inkella ma jkunux inerenti għat-twettiq tal-għanijiet imfittxija mill-UEFA – jiġifieri l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-futbol tal-klabbs u l-integrità sportiva tal-kompetizzjonijiet tal-UEFA – jew sussidjarjament – restrizzjonijiet li ma jkunux proporzjonati għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet?

2) L-Artikoli 63, 56 u 45 TFUE (kif ukoll l-Artikoli 15 u 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE) għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-regola tal-UEFA msejħa "l-ħtieġa ta' bilanċ finanzjarju" jew "break-even rule" tikser dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, sa fejn ir-regola tal-UEFA toħloq restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu (kapital, servizzi, ħaddiema) li ma humiex inerenti għat-twettiq tal-għanijiet imfittxija mill-UEFA – jiġifieri l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-futbol tal-klabbs u l-integrità sportiva tal-kompetizzjonijiet tal-UEFA (u li għalhekk ma humiex iġġustifikati minn "raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali") – jew sussidjarjament – restrizzjonijiet li ma humiex proporzjonati għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet?

3) Id-diversi dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju msemmija iktar 'il fuq (jew xi wħud minnhom) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Artikoli 65 u 66 tar-Regoli tal-UEFA "Regoli tal-UEFA dwar l-għoti ta' liċenzji lill-klabbs u l-fair-play finanzjarju", jiksru dawn id-dispożizzjonijiet (jew xi wħud minnhom), sa fejn ir-regola tal-UEFA – anki jekk ir-restrizzjonijiet/ostakli li dawn jiġġeneraw ikollhom relazzjoni inerenti mal-protezzjoni tal-integrità sportiva tal-kompetizzjonijiet bejn il-klabbs tal-UEFA – tkun sproporzjonata u/jew diskriminatorja, sa fejn din tkun tiffavorixxi l-ħlas ta' ċerti krediti u – korrelattivament – tittratta b'mod inqas favorevoli l-ħlas tal-kredituri mhux protetti, b'mod partikolari lill-aġenti tal-plejers?